32004D0642

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

MEĦUDA B'AKKORDJU KOMUNI MAL-PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI NOMINAT

tat-13 ta' Settembru 2004

li tadotta l-lista ta' persuni oħra li l-Kunsill mistenni jaħtar bħala Membri tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(2004/642/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 213 (1) tiegħu, kif emendat b'effett mill-1 ta' Novembru 2004 bl-Artikolu 45 (2)(d) ta' l-Att ta' Adeżjoni 2003 u bl-Artikolu 4 (1) tal-Protokoll dwar it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropeja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 214(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 126 (1) tiegħu, kif emendat b'effett mill-1 ta' Novembru 2004 bl-Artikolu 45 (2)(d) ta' l-Att ta' Adeżjoni 2003 u bl-Artikolu 4(1) tal-Protokoll dwar it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 127(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Kummissjoni ġdida, li tikkonsisti minn ċittadin wieħed ta' kull Stat Membru, għandu jiġi maħtur għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2004 sal-31 ta' Ottubru 2009.

(2) Fid-29 ta' Ġunju 2004 il-Kunsill, imlaqqa' fil-kompożizzjoni ta' Kapijiet ta' Stat jew Gvern, innomina lis-Sinjur José Manuel DURÃO BARROSO bħala l-persuna li għandu l-intenzjoni li jaħtar bħala President tal-Kummissjoni għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2004 sal-31 ta' Ottubru 2009 [1].

(3) Il-Parlament Ewropew approva dik in-nomina b'riżoluzzjoni bid-data 22 ta' Lulju 2004.

(4) Il-lista ta' persuni oħra li l-Kunsill għandu l-intenzjoni jaħtar bħala Membri tal-Kummissjoni għall-perijodu ta' ħames snin mill-1 ta' Novembru 2004 sal-31 ta' Ottubru 2009 għandha tiġi adottata b'akkordju komuni mal-President tal-Kummissjoni nominat.

(5) Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kostituzzjoni għall-Ewropa ser jinkludi t-tmiem tal-mandat tal-Membru tal-Kummissjoni li għandu l-istess nazzjonalità bħal dik tal-futur Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea, li ser ikun Viċi-President tal-Kummissjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan innominati b'akkordju komuni mas-Sinjur José Manuel DURÃO BARROSO, President tal-Kummissjoni nominat, bħala l-persuni li l-Kunsill mistenni jaħtar bħala Membri tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2004 sal-31 ta' Ottubru 2009:

Is-Sinjur Joaquín ALMUNIA AMANN

Is-Sinjur Jacques BARROT

Is-Sinjur Joe BORG

Is-Sinjur Rocco BUTTIGLIONE

Is-Sinjur Stavros DIMAS

Is-Sinjura Benita FERRERO-WALDNER

Is-Sinjur Ján FIGEĽ

[1] ĠU L 236, tas-7.7.2004, p. 15.

Is-Sinjura Mariann FISCHER BOEL
Is-Sinjura Dalia GRYBAUSKAITĖ
Is-Sinjura Danuta HÜBNER
Is-Sinjur Siim KALLAS
Is-Sinjur László KOVÁCS
Is-Sinjura Neelie KROES
Is-Sinjur Marcos KYPRIANOU
Is-Sinjur Peter MANDELSON.
Is-Sinjur Charlie McCREEVY
Is-Sinjur Louis MICHEL
Is-Sinjur Janez POTOČNIK
Is-Sinjura Viviane REDING
Is-Sinjur Olli REHN
Is-Sinjur Vladimír ŠPIDLA
Is-Sinjura Ingrida UDRE
Is-Sinjur Günter VERHEUGEN
Is-Sinjura Margot WALLSTRÖM

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, fit-13 ta' Settembru 2004.

Għall-Kunsill
Il-President
B. R. BOT